**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**

**(Każ COMP/M.6540 – DONG Energy Borkum Riffgrund I HoldCo/Boston Holding/Borkum Riffgrund I Offshore Windpark)**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/C 107/07)

1. Fid-29 ta' Marzu 2012, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 ([1]), li permezz tagħha DONG Energy Borkum Riffgrund I HoldCo GmbH (il-Ġermanja) – ikkontrollata minn DONG Energy A/S ("DONG Energy", (id-Danimarka) – u Boston Holding A/S (id-Danimarka) – ikkontrollati minn Kirkbi Invest A/S (id-Danimarka), li finalment hija kkontrollata mill-familja Kirk Kristiansen, u William Demant Invest A/S (id-Danimarka), li hija kkontrollata mill-Fondazzjoni Oticon – jakkwistaw fit-tifsira tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet kontroll konġunt tal-impriża Borkum Riffgrund I Offshore Windpark A/S GmbH & Co oHG ("Borkum Riffgrund I", il-Ġermanja), permezz ta' kontribuzzjoni ta' flus likwidi u akkwist ta' assi.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— għal DONG Energy: attiva prinċipalment fl-Ewropa tat-Tramuntana fl-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-gass naturali u ż-żejt, il-ġenerazzjoni ta' enerġija u l-bejgħ ta' enerġija,

— għal Kirkbi Invest A/S: provvista ta' materjali u esperjenzi tal-logħob kif ukoll materjali tat-tagħlim għat-tfal u t-tħaddim ta' attrazzjonijiet għall-viżitaturi,

— għal William Demant Invest: provvista ta' prodotti u tagħmir għall-għajnuna għas-smigħ u l-komunikazzjoni tal-individwi u ortopediji mhux invażivi, l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet tat-teknoloġija tar-riproduzzjoni assistita u investiment fi proprjetà immobbli kummerċjali,

— għal Borkum Riffgrund I: se tkun is-sid ta', topera u żżomm wind farm offshore li tinsab fil-Baħar tat-Tramuntana.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ssib li l-operazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet. Madanakollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtu kwalunkwe kumment li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-feks (+32 22964301), jew b'emejl lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.6540 – DONG Energy Borkum Riffgrund I HoldCo/Boston Holding/Borkum Riffgrund I Offshore Windpark, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru tal-Amalgamazzjonijiet
J-70
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet").